

Brussell, 8 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6931/18

CORDROGUE 26
SAN 78
RELEX 202

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Marzu 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6441/18	
Suġġett:	Promozzjoni tal-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi - Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Marzu 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi, adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Marzu 2018.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet
koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,

WAQT LI JIRRIKONOXxu li t-tehdid ta' drogi illeċiti u d-dipendenza fuq id-drogi huma ta' tħassib għas-saħħa pubblika u jeħtieġu reazzjoni ffukata fuq il-persuni u soċjali li tkun adegwata u effikaċi sabiex jitjiebu s-saħħa pubblika u s-sikurezza pubblika tal-individwi, familji u komunitajiet madwar l-Ewropa;

WAQT LI JTENNU r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem kif ukoll il-libertajiet fundamentali tal-individwi kollha fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni Ewropea dwar id-drogi;

WAQT LI JFAKKRU li l-mira tal-Unjoni Ewropea hi li tikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-domanda għad-drogi u l-provvista tad-drogi fl-Unjoni Ewropea permezz ta' politika dwar id-drogi li tkun integrata, bilanċjata u bbażata fuq l-evidenza;

WAQT LI JENFASIZZAW li t-tliet konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti għall-kontroll tad-droga jistiednu lill-Istati biex, fejn ikun xieraq, u fl-ambitu tal-oqfsa legali nazzjonali u f'konformità mad-dritt internazzjonali applikabbli, jagħtu, bħala alternattiva għal kundanna jew piena, miżuri ta' trattament, edukazzjoni, kura ta' segwitu, riabilitazzjoni u riintegrazzjoni soċjali għal dawk li jieħdu d-drogi u li wettqu r-reati elenkati f'dawn il-konvenzjonijiet;

WAQT LI JFAKKRU li d-dikjarazzjonijiet u r-risoluzzjonijiet ta' livell għoli tan-Nazzjonijiet Uniti jenfasizzaw ħtieġa ċara għal aktar azzjoni, inkluż il-bżonn li jiġu identifikati u żviluppati approċċi alternattivi kosteffettivi u bbażati fuq l-evidenza u li f'każijiet rilevanti titqies l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-miżuri permezz tal-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi, il-ġustizzja kriminali, is-saħħa pubblika, is-sistemi soċjali u tal-edukazzjoni, il-fornituri tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali, kif ukoll li jinġabru u jiġu skambjati d-data, ir-riċerka u l-aħjar Prattiki dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri rispettivi;

WAQT LI JAGĦRFU li l-miżuri mogħtija bħala alternattiva għal kundanna jew piena, inkluż il-priġunerija, lil trasgressuri li jieħdu d-drogi huma ta' appoġġ fundamentali bbażat fuq l-evidenza għall-persuni li għandhom bżonn l-għajjnuna minħabba li jieħdu d-drogi jew li huma dipendenti fuqhom;

WAQT LI JTENNU l-prinċipju tal-kontinwità tal-kura tul il-proċedimenti tal-ġustizzja kriminali kif ukoll il-prinċipju tal-proporzjonalità fil-politiki nazzjonali, anke fir-rigward ta' reati mwettqa minn trasgressuri li jieħdu d-drogi;

WAQT LI JAGĦRFU li l-alternattivi għall-priġunerija għal trasgressuri li jieħdu d-drogi jistgħu jnaqqsu r-rati tar-reċidiva u jtaffu l-piż finanzjarju u amministrattiv u l-ispejjeż soċjali, filwaqt li jżidu wkoll l-inklużjoni soċjali;

WAQT LI JQISU li hemm bżonn li jitkomplew l-isforzi biex jiġi żgurat li l-miżuri alternattivi jinżammu fil-politika globali dwar id-drogi;

WAQT LI JINNUTAW li r-rapport tal-Kummissjoni tal-2016 dwar studju dwar alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi b'reazzjoni għal reati kontra l-liġi dwar id-droga u delitti marbuta mad-droga¹ kkonkluda li l-Istati Membri kollha għandhom mill-anqas miżura alternattiva waħda għal sanzjonijiet koerċittivi fis-seħħ u xi wħud għandhom aktar, u li ġeneralment l-alternattivi disponibbli għandhom x'jaqsmu mal-kura. Waqt li JFAKKRU wkoll li l-istudju enfażizza ostakli prattiċi u amministrattivi għall-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi li jeżistu madwar l-Istati Membri u li d-data meħtieġa għall-evalwazzjoni u għat-titjib tal-miżuri alternattivi, b'mod partikolari fir-rigward tar-rati ta' tlestija u tal-bżonnijiet ta' dawk li jirċevuhom, hija limitata;

WAQT LI JIRREFERU għall-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020² u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2017-2020³, li jhegħu lill-Istati Membri biex fejn ikun xieraq u f'konformità mal-oqfsa legali tal-Istati Membri, jipprovdu u japplikaw alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi, bħall-edukazzjoni, is-sentenzi sospiżi bit-trattament, is-sospensjoni ta' investigazzjoni jew prosekuzzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-irkupru u l-kura ta' segwitu u r-riintegrazzjoni soċjali;

¹ "Study on alternatives to coercive sanctions as response to drug law offences and drug-related crimes", Mejju 2016, RAND Europe għall-Kummissjoni Ewropea

² ĠU C 402, 29.12.2012, p. 1-10

³ ĠU C 215, 5.7.2017, p. 21-58

WAQT LI JINNUTAW li l-alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi jistgħu jiġu applikati f'firxa wiesgħa ta' reati, bħal reati mwettqa minħabba t-teħid tad-drogi, li f'ħafna Stati Membri l-konsum tad-drogi u/jew il-pussess tad-drogi għall-użu personali mhumie x reat kriminali u li l-Istati Membri jistgħu, skont il-liġijiet tal-Istat Membru kkonċernat, jimponu dawn il-miżuri bħala kwistjoni ta' dritt fi kwalunkwe każ rilevanti li jinvolvi trasgressuri li jieħdu d-drogi;

WAQT LI JINNUTAW li minħabba oqfsa u ħtiġijiet legali varji, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi jenħtieġ li jkunu mfassla mill-Istati Membri skont ir-realtajiet u l-oqfsa legali nazzjonali tagħhom;

WAQT LI JFAKKRU li mal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri jenħtieġ li jkun hemm aktar studji fil-livell tal-UE bil-ħsieb li tinkiseb data affidabbli u komparabbli dwar l-applikazzjoni tagħhom;

WAQT LI JIRRIKONOXxu li t-terminu "alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi" jista', skont il-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, jirreferi wkoll għall-alternattivi li jintużaw minflok il-miżuri tradizzjonali ta' ġustizzja kriminali, jew flimkien magħhom, għal trasgressuri li jieħdu d-drogi;

WAQT LI JAGĦRFU li hija kompetenza tal-Istati Membri li jiżviluppaw u jadottaw politiki ta' ġustizzja kriminali u liġijiet kriminali nazzjonali dwar id-definizzjoni ta' reati marbuta mad-drogi u sanzjonijiet skont l-Artikolu 83 TFUE, waqt li JFAKKRU li skont l-Artikolu 168 TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha tikkomplementa l-azzjoni tal-Istati Membri fit-tnaqqis tal-ħsara għas-saħħa minħabba d-drogi, inkluż bl-informazzjoni u l-prevenzjoni;

IL-KUNSILL

1. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri, fejn ikun xieraq u f'konformità mal-oqfsa legali tagħhom, jipprovdu u japplikaw miżuri alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi sabiex jipprevjenu l-kriminalità, inaqqsu r-reċidiva u jsaħħu l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema tal-ġustizzja kriminali, filwaqt li jħarsu wkoll lejn il-possibbiltà li tonqos il-ħsara għas-saħħa u jixxejnu r-riskji soċjali.
2. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex, fejn ikun xieraq u f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, jipprovdu u jkomplu jippromwovu d-disponibbiltà, l-implimentazzjoni effikaċi, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri provduti bħala alternattiva għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi, bħall-edukazzjoni, (is-sentenzi sospiżi bi) trattament, is-sospensjoni tal-investigazzjoni jew prosekuzzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-irkupru, il-kura ta' segwitu u riintegrazzjoni soċjali.
3. IFAKKAR li dawn il-miżuri jistgħu jiġu implimentati fi stadji differenti tal-proċedimenti tar-reati mwettqa mit-trasgressuri li jieħdu d-drogi inkluż, fejn xieraq u f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, dak tar-riferimenti ta' qabel il-proċess.
4. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex fi ħdan il-politiki nazzjonali jeżaminaw data eżistenti dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, u jaqsmuha mal-awtoritajiet rilevanti Ewropej u daww nazzjonali ta' rappurtar u mas-sistemi ta' monitoraġġ.
5. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jżidu s-sensibilizzazzjoni, pereżempju permezz tat-taħriġ, dwar id-disponibbiltà u l-użu effettiv ta' dawn il-miżuri u biex jappoġġaw il-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni fost daww li jfasslu l-politika nazzjonali, l-infurzar tal-liġi, il-ġustizzja kriminali, is-saħħa pubblika, il-professjonisti soċjali u fl-edukazzjoni u, fejn xieraq, il-persuni li jagħtu appoġġ lit-trasgressuri li jieħdu d-drogi.
6. ISEJJAĦ lill-Istati Membri, lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni Ewropea biex isaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali bil-promozzjoni u l-kondiviżjoni ta' Prattiki tajba ma' pajjiżi mhux tal-UE dwar l-użu ta' miżuri provduti bħala alternattiva għal sanzjonijiet koerċittivi u dwar l-evidenza tal-effikaċja ta' dawn il-miżuri.

7. JISTIEDEN lill-EMCDDA biex ikompli bil-monitoraġġ tal-miżuri u l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' dawn il-miżuri, u l-effikaċja u l-kosteffettività tagħhom, u JISTIEDEN ukoll lill-Kummissjoni biex tappoġġa din il-ħidma.

8. IFAKKAR fl-obbligu tal-Kummissjoni għall-evalwazzjoni globali tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2013-2020) u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2017-2020, li, fost l-oħrajn, għandha tqis is-sejbiet dwar il-kwistjoni ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi.